# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Lulju 2019**

**Kawza Numru : 10**
**Rikors Guramentat Numru : 542/2018/LSO**

**Charles Victor Edgar Vincent Shields u b'digriet tal-4 ta' Lulju 2019 l-isem ghandu jaqra Carmel**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Charles Victor Edgar Vincent Shields maghruf bhala Carmel detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 857046M illi jirrisjedi gewwa 1, Avalon Court, L-Ghansar Road, Qajjenza, datat 28 ta’ Mejju 2018 fejn espona: -

Illi huwa twieled nhar it-Tnejn (2) ta' Ottubru 1946 u gie rregistrat fl-att tat-twelid li jgib in-numru 857046M tas-sena 1946 kif hawn qieghed jigi anness u mmarkat bhala Doc CS1.

Illi fl-att tat-twelid isem ir-rikorrenti 'at Birth' tnizzel bhala ''Carmel'' u ''full name” tnizzel bhala 'Charles Victor Edgar Shields'.

Illi isem l-esponenti fil-passaport Ingliz mahrug lilu bin-numru 110016966 jidher bhala 'Charles Victor Edgar Shields' hawn anness u mmarkat bhala 'Doc CS2’ filwaqt illi isem l-istess esponenti fil-passaport Malti mahrug lilu bin-numru 837967 kif hawn anness u mmarkat bhala Doc C53 jidher bhala Carmel Shields.

Illi r-raguni ghal din il-konfuzjoni huwa sempliciment il-fatt illi qabel ftit li xejn kienet tinghata importanza ghal mod kif wiehed jissejjah fis-sens illi sew Carmel kif ukoll Charles kienu jirreferu ghall-istess isem filwaqt illi llum il-gurnata qieghda tinghata importanza lejn id-dicitura b'dan illi z-zewg ismijiet jirrapprezentaw persuni differenti.

Illi jidher kjarament illi dan huwa nuqqas ta' dettal genwin anke da parti tar-Registru Pubbliku.

Illi huwa mehtieg li d-dettalji fuq il-Passaport Malti bin-numru 837967 jigu korretti fis-sens illi fil-kolonna bit-titolu 'Given names/prenoms' titnehha l-kelma 'Carmel' u jigi mibdul bil-kliem 'Charles Victor Edgar Vincent' u dan sabiex isem ir-rikorrenti jkun ugwali u kif inhu ndikat ukoll fuq il-passaport Ingliz li jgib in-numru 110016966.

Illi din it-talba qed issir in linea ma' dak provdut fl-artikolu 253 (2)[1] tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

*"Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tordna illi, d-dettalji fuq l-Att tat-twelid ghandhom jigu korretti fis-sens illi fil-kolonna bit-titolu 'Given names/prenoms' titnehha l-kelma 'Carmel' u jigi mibdula bil-kliem 'Charles Victor Edgar Vincent' u dan sabiex isem ir-rikorrenti jkun ugwali u kif inhu indikat ukoll fuq dokumenti kif annessi mar-rikors."*

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-10 ta' Lulju 2018.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 26 ta' Gujnu 2018 (fol 19) fejn l-Avukat Dr Astrid May Grima ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat:-

[1] It-talba originali kienet tirreferi ghall-artikolu 257 li giet sostitwita bl-artikolu 253(2) b'korrezzjoni awtorizzata.

1. Illi preliminarjament l-esponenti teccepixxi illi tali azzjoni ma tistax ssir *ai termini* tal-Artikolu 257 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u dan tenut kont illi Artikolu 257 ghandu jigi utilizzat sabiex tigi msejsa azzjoni quddiem il-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Notarili u mhux quddiem din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u preliminarjament ukoll, l-esponenti teccepixxi illi ghall-integrita' tal-gudizzju ghandha ssir korrezzjoni fl-okkju ta' din l-azzjoni u cioe' l-isem tal-attur minn Charles Victor Edgar Vincent Shields ghandu jaqra Carmel, *stante* illi dan tal-ahhar jappartjeni lill-attur skont l-Att tat-Twelid tieghu stess. Maghdud ma' dan, l-esponenti hija wkoll tal-umli fehma illi ghandha ssir ukoll korrezzjoni fl-ewwel premessa tar-rikors promotur u dan fir-rigward tal-karta tal-identita' tal-attur sabiex tigi taqra 857046M u dan minflok 590971M, *stante* li l-ahhar numru ma jappartjenix lill-attur skont l-Att tat-Twelid imsemmi.

3. Illi bla hsara ghal premess u fil-mertu, l-esponenti tirrileva li m'hijiex edotta mill-fatti kif ddikjarati fir-rikors guramentat.

4. Illi l-esponenti ukoll tirrileva li t-talba kif dedotta ma timmeritax li tigi akkolta minn din l-Onorabbli Qorti, u dan tenut kont tal-fatt illi l-attur qed jitlob illi jigi korrett il-Passaport Malti, liema talba ma tistax ssir lil din l-Onorabbli

Qorti *stante* illi korrezzjonijiet jistghu jsiru biss fir-rigward ta' Atti tal-iStat Civili u mhux dokumenti ufficjali.

5. Illi *stante* s-suespost, l-esponenti ma tistax taqbel mal-hames (5) premessa fir-rikors promotur u cioe' fejn l-attur iddikjara illi hawnhekk *si tratta* nuqqas ta' dettal genwin anke da parti l-konvenut Direttur. Fl-umli fehma tal-esponenti tajjeb li jigi sottolinejat illi d-dokumenti ufficjali ta' persuna jirriflettu l-informazzjoni misjuba fl-Atti tal-iStat Civili tal-istess persuna. Fil-kaz in kwistjoni, l-Att tat-Twelid tal-attur, hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1', jidher car illi mat-twelid tieghu l-attur qatt ma assuma l-isem ta' Charles Victor Edgar Vincent izda kellu jassumi biss l-isem ta' Carmel. Minn dan l-Att tat-Twelid jidher ampjament car illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku mexa b' mod korrett u ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tieghu stess.

6. Illi ghaldastant, ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni, fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir da parti l-esponenti u kwindi d-Direttur ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza odjerna.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur li qieghed jigi ngubnt in subizzjoni.

Rat ir-risposta Guramenta Ulterjuri tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 29 ta’ Ottubru 2018 a fol 28 tal-process fejn jesponi bir-rispett, u l-Avukat Dr Neil Harrison ghan-

nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament tieghu ddikjara u kkonferma :

1. Illi l-esponent qieghed jipprezenta din ir-risposta guramentata ulterjuri u dan skont il-verbal ta' din l-Onorabbli Qorti ta' nhar il-10 ta' Lulju 2018;

2. Illi prelimarjament l-esponent jeccepixxi illi tali azzjoni ma tistax issir *ai termini* tal-Artikolu 257 tal-Kodici Civili u dan tenut kont illi Artikolu 257 ghandu jigi utilizzat sabiex tigi msejsa azzjoni quddiem il-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Notarili u mhux quddiem din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi ghal dak li jikkoncerna l-mertu tal-kawza odjerna, l-esponent jirrileva li ma huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat.

4. Illi r-rikorrenti qieghda titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex taghti d-direzzjonijiet taghha biex b'hekk isem ir-rikorrent fl-Att tat-twelid tieghu, bin-numru progressiv 8570 tas-sena 1946, jinbidel minn 'Carmel' ghal 'Charles Victor Edgar Vincent'. Sabiex jissostanzja t-talba tieghu, ir-rikorrent qieghed jannetti mar-rikors guramentat, numru ta' dokumenti;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jeccepixxi illi r-Registru Pubbliku m' ghandux jinzamm responsabbli ta' din id-diskrepanza fl-isem tar-rikorrent *stante* li fil-kaz *de quo*, fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni, kien proprju missier ir-rikorrent Dionisio Shields li kien iddikjara

l-informazzjoni kollha misjuba fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti, inkluz l-isem tar-rikorrent, u ghal dawn il-fini huwa stess kien iffirma l-Att in kwistjoni. Ghaldaqstant, galadarba s-Sur Dionisio Shields, id-dikjarant fuq l-Att tat-Twelid, accetta l-informazzjoni inserita minnu fl-Att u kkonferma illi tali informazzjoni kienet wahda korretta permezz tal-firma tieghu, dan kollu ma jirrizultax illi b'hekk kien sar xi nuqqas min-naha tar-Registru Pubbliku. *Stante* dan, id-Direttur tar-Registru Pubbliku ma ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri istanti;

6. Illi ghaldaqstant, ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni, l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero' li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f' ghajnejn il-ligi. Maghdud ma' dan, l-esponent huwa wkoll tal-umli fehma illi fl kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir da parti l-esponenti u kwindi d-Direttur ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza odjerna.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

BI-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ngunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 21 ta’ Mejju 2019 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur intimat. L-attur u d-difensur tieghu msejha tliet darbiet ma dehrux. Dr Ellul iddikjarat li m'ghandhiex aktar

provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Gunju 2019 fid-9:30a.m.

Rat il-verbal tas-27 ta' Gunju, 2019, fejn b'ordni tal-Qorti, l-kawza giet differita ghad-9 ta' Lulju ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Rat id-digriet tal-4 ta' Lulju 2019, fejn wara li rat it-tieni (2) eccezzjoni sollevata, u l-Art 173 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat il-korrezzjonijiet kif indikati fl-eccezzjoni kull fejn hu mehtieg.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

L-ewwel eccezzjoni tal-intimat hija sorvolata bil-korrezzjoni tat-talba tar-rikorrent, kif awtorizzata b'digriet datat 30 ta' Ottubru 2018, ghalhekk, din il-Qorti ser tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni taghha.

Illi r-rikorrent qed jitlob li jigi korrett ismu fl-att tat-twelid tieghu billi l-isem "Carmel" jigi sostitwit b'Charles biex

b'hekk ismu jigi indikat bhala "Charles Victor Edgar Vincent".

Illi fil-mertu, r-rikorrent ghandu jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li kien u huwa maghruf bhala "Charles". Ghal dan il-ghan, esebixxa kopja tal-passaport Ingliz Dok CS2 fejn hu indikat bhala Charles.

Inoltre`, huwa xehed b'affidavit, fejn qal li sa minn tfulitu hu kien maghruf u msejjah bl-isem Charles, u meta applika ghac-cittadinanza Ingliza, kien issottometta l-att tat-twelid tieghu bhala Carmel, izda uza l-isem Charles Victor Edgar Vincent Shields, kif jidher minn Dok CS1 esebit. Meta nhariglu l-passaport Ingliz gie indikat bl-isem Charles, u hekk kien maghruf ukoll matul hajtu u fil-post tax-xoghol.

Illi fid-dawl ta' dawn il-provi, din il-Qorti hija tal-fehma li t-talba tar-rikorrent hija gustifikata kif trid il-Ligi.

Ikkunsidrat li fir-risposta ulterjuri, l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu.

Izda, taqbel mal-intimat, li ma sar l-ebda zball fir-registrazzjoni tal-att tat-twelid. Difatti, jirrizulta, minn Dok DRP1 esebit mar-risposta, li mat-twelid, gie dikjarat li l-attur kellu jadotta l-isem ta' "Carmel" u mhux "Charles". Ghalhekk, taqbel li l-intimat m'ghandux ibati l-ispejjez ta' dan il-kaz.

## III. <u>KONKLUZJONI</u>

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta'** u **tiddeciedi** billi tilqa' t-talba tar-rikorrent u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoregi l-att tat-twelid tar-rikorrent bin-numru 8570 tas-sena 1946, billi jitnehha l-isem "Carmel" u isem ir-rikorrent jigi indikat minnflok bhala "Charles Victor Edgar Vincent".

Tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kodici Civili** sabiex fiz-zmien li trid il-ligi, isiru d-debiti korrezzjonijiet hawn fuq ordnati.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**09 ta' Lulju 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**09 ta' Lulju 2019**